

31990L0612

L 326/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.11.1990

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI****tas-26 ta' Ottubru 1990****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE li tistabbilixxi kriterji speċifiċi tal-purità għal emulsjonanti, stabilizzaturi, thickeners u gelling agents għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel**

(90/612/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

L-Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar additivi għall-ikel awtorizzati sabiex jintużaw f'oġġetti ta' l-ikel maħsubin għall-konsum mill-bniedem <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi huwa meħtieġ li wieħed iqis l-ispeċifikazzjonijiet riveduti tal-Codex Alimentarius għal sustanzi E407 u E466, jawtorizza tekniki ġodda għall-produzzjoni ta' E473 u jagħmel distinzjoni bejn sustanza E407 kif deskritta fl-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE <sup>(2)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 82/504/KEE <sup>(3)</sup>, u prodotti simili mhux koperti b'dak l-Anness;

Billi l-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel ġie kkonsultat, b'mod konformi ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/107/KEE, dwar dawk id-dispożizzjonijiet li aktarx jaffettwaw is-saħħa pubblika;

Billi l-miżuri stabbiliti b'din id-Direttiva jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## L-Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 78/663/KEE huwa hawnhekk emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn 12-il xahar wara n-notifikazzjoni tad-Direttiva preżenti. Għandhom jinfurmaw mal-ewwel lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

## L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Ottubru 1990.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Il-Viċi-President:

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27.

<sup>(2)</sup> ĠU L 223, ta' l-14.8.1978, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 230, tal-5.8.1982, p. 35.

## L-ANNEX

1. Taħt E 407 - *Carrageenan*, il-punt li għandu x'jaqsam ma' rmid li ma jinhalx f'1 % v/v aċidu sulfuriku għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:
 

“rmid li ma jinhalx bl-aċidu (ma jinhalx f'10 % w/v aċidu idrokloriku)	mhux aktar minn 1 % tal-materja niexfa
materja li ma tinħalx fl-aċidu (ma jinhalx f'1 % v/v aċidu sulfuriku)	mhux aktar minn 2 % tal-materja xotta”
  2. Taħt E 466 - *Carboxymethylcellulose*, il-punt li għandu x'jaqsam mal-piż molekulari għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:
 

“ogħla minn madwar 17 000 (grad ta' polimerizzazzjoni ta' madwar 100)”.
  3. Taħt E 473 – *Sucrose esters*:
    - (a) l-aħħar sentenza tal-punt li għandu x'jaqsam mad-deskrizzjoni kimika għandha tiġi mibdula bis-sentenza li ġejja: “L-ebda solvent organiku għajr *dimethylsulphoxide*, *dimethylformamide*, *ethyl acetate*, *isopropanol* u *isobutanol* ma jista' jintuża fil-preparazzjoni tagħhom”;
    - (b) taħt il-punt dwar il-kontenut ta' rmid sulfat, il-punt li ġej huwa miżjud:
 

“kontenut ta' <i>dimethylsulphoxide</i>	mhux aktar minn 2 mg/kg”;
---	---------------------------
    - (c) taħt il-punt dwar il-kontenut ta' metanol, għandu jiġi miżjud il-punt li ġej:
 

“kontenut ta' <i>isobutanol</i>	mhux aktar minn 10 mg/kg”.
---------------------------------	----------------------------
-